**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Kumpilazzjoni Numru: 180/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paula Ciantar)**

**vs**

**Abdulsalam Ben Hamed**
**(Detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 20548(A))**

**Illum, 11 ta' Awwissu 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Abdulsalam Ben Hamed** ta' 44 sena, iben Salem u Saida xebba Furġani, imwieled il-Libja nhar is-6 ta' Jannar 1973, mingħajr residenza fissa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 20548(A);

Akkużat talli bejn **Diċembru 2016 u l-10 ta' April 2017**, f'dawn il-Gżejjer:

1. Ġab ruħu b'mod li l-imġieba tiegħu ammontat għal segwiment ta' persuna bil-moħbi u kkaġuna li persuna oħra beżgħet f'għallinqas żewġ okkażjonijiet li se tintuża l-vjolenza fuqha, kif ukoll ikkaġuna fuq persuna oħra allarm jew dwejjaq li kellu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' dik il-persuna, u dan għad-detriment ta' ZX;

Art. 251BA, 222(1)(a) u 251H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna oħra u b'mod li kien jaf jew imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju għal dik il-persuna, u dan għad-detriment ta' ZX;
   Art. 251A, Art. 222(1)(a) u 251H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ġab ruħu b'mod li l-imġieba tiegħu kkaġunat lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1);
   Art. 251B u 251H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

4. U aktar talli fl-isess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli bejn **is-7 ta' Diċembru 2015 u t-8 ta' Diċembru 2015**, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' ZX, hekk kif iċċertifikati minn Dr. Mario Cilia (Med. Reg. 1749);
   Art. 221 u 222(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

6. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra;
   Art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` tal-imsemmija **ZX** u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u

tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' **ZX** ai termini tal-Artikolu 383 *et seq* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex jekk tkun sodisfatta li jkunu saru jew jistgħu jsiru arranġamenti għal trattament, toħroġ Ordni ta' Trattament favur **Abdulsalam Ben Hamed**.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Rat** illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tas-S.T.O Prim'Imħallef Mark Chetcuti tal-11 ta' Ġunju 2021[1];

**Rat** l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[2];

**Rat** illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb illi mhuwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[3];

**Rat** illi b'digriet tad-19 ta' April 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ddeċidiet illi kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża[4];

**Rat** in oltre il-Kontro-Ordni tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2020, li permezz tiegħu bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 u tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta) ordna illi l-imputat jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza. In oltre wara li ra l-atti tal-kumpilazzjoni

---

[1] A fol. 521A *et seq* tal-proċess.
[2] A fol. 21 tal-proċess.
[3] A fol. 6 tal-proċess.
[4] A fol. 81 tal-proċess.

magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kontra l-istess imputat, l-Avukat Ġenerali ddeċieda li jibgħat lill-istess imputat sabiex ikun ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, salv li ma jkunx hemm oġġezzjoni da parti tiegħu, u dan ai termini tal-Artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali, u għal dan il-għan bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi fuq dawn l-akkużi, taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-artikoli 251BA(1)(a)(b)(i)(ii)(2)(3)(5)(6)(7), 222(1)(a), 202(h)(i)(iv)(v), 251C u 251H(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 251A(1)(a)(b)(2)(4), 222(1)(a), 202(h)(i)(iv)(v), 251C u 251H(a)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 251B(1)(2), 222(1)(a), 202(h)(i)(iv)(v), 251C u 251H(a)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 214, 215, 221(1)(a) u 202(h)(i)(iv)(v) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Fl-artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[5]

**Rat** illi fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2022, l-imputat iddikjara illi ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja[6];

**Rat** ukoll illi fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2021, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet qed teżenta lill-Qorti kif preseduta, milli tisma' mill-ġdid il-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversement preseduta[7];

**Rat** illi fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2022, l-imputat kif assistit iddikjara li kien qed jeżenta lill-Qorti kif preseduta, milli tisma' mill-ġdid il-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversement preseduta[8];

---

[5] A fol. 516 u 517 tal-proċess.
[6] A fol. 534 tal-proċess.
[7] A fol. 524 tal-proċess.
[8] A fol. 529 tal-proċess.

**Rat** illi fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2023, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa reġa' kkonfermaha wara li l-Qorti ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, avżatu bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha[9];

**Semgħet** it-trattazzjoni tad-difiża dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni u lill-parte ċivile jirrimettu ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti;

**Rat** illi l-kawża tinsab differita għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat **Abdulsalam Ben Hamed** għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa llum, liema fedina penali hija waħda refrattarja u tinkludi sejbien ta' ħtija dwar diversi reati kontravvenzjonali, reati bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta f'diversi okkażjonijiet, serq aggravat u tentattiv ta' serq aggravat diversi drabi, ir-reati taħt l-Artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali, pussess tad-droga, inkluż ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, traffikar u pussess aggravat tad-droga, riċettazzjoni, ħsara volontarja, talli ħarab mill-kustodja tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, qligħ b'qerq, fastidju u talli kkaġuna biża' li se tintuża vjolenza fil-konfront tal-vittma tal-lum, pussess mhux ġustifikat ta' oġġetti minn persuna diġa` kkundannata għal serq jew riċettazzjoni, talli żamm jew ġarr strument li jaqta' u bil-ponta u talli kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, dwar liema l-istess imputat ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija effettiva (tlettax-il darba), piena ta' priġunerija sospiża (disa' darbiet), pieni pekunjarji (għoxrin darba), u ngħata liberazzjoni kundizzjonata (erba' darbiet), Ordni ta' *Probation* (darba) u Ordni ta' Trattament (darba).

Qed tqis ukoll in-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ[10], u illi minkejja li huwa rreġistra ammissjoni f'dawn il-proċeduri, ma jistax jingħad illi tali ammissjoni kienet waħda bikrija.

---

[9] Ara a fol. 569 tal-proċess.

[10] Ara l-istqarrija tal-**imputat** tal-10 ta' April 2017, a fol. 22 *et seq* tal-proċess; l-istqarrija tal-**imputat** tal-11 ta' April 2017, a fol. 31 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda tal-**Ispettur Paula Ciantar**, a fol. 43 *et seq* u a fol. 514 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda ta' **YZ**, a fol. 46 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda ta' **ZX**, a fol. 54 *et seq* u a fol. 134 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda

Tqis in oltre illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi fil-preżentata tiegħu taħt arrest nhar it-12 ta' April 2017, l-imputat tqiegħed taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, u dan wara li huwa ddikjara f'dik l-udjenza, illi għandu problema tad-droga.[11] Jirriżulta wkoll illi wara li l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar is-26 ta' Mejju 2017[12] u wara li d-depożitu għall-ħelsien mill-arrest ġie ridott mill-Qorti Kriminali b'digriet tat-23 ta' Ġunju 2017[13], b'nota tal-20 ta' Novembru 2017, l-Uffiċjal Prosekutur infurmat lill-Qorti illi l-imputat kien tressaq quddiem il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 2017, akkużat talli kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u ġie ordnat l-arrest tiegħu mill-ġdid.[14] B'digriet tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Diċembru 2017, l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, bil-kundizzjoni illi huwa jsegwi programm residenzjali għar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga ġewwa ċ-Ċentru Residenzjali San Blas jew il-*Harm Reduction Shelter*, taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Caritas. Fin-nuqqas illi jibqa' jsegwi l-programm, l-imputat kellu jerġa' jiġi inkarċerat.[15] Sussegwentement wara rikors tal-Avukat Ġenerali, b'digriet tal-14 ta' Ġunju 2018[16], il-Qorti Kriminali ordnat l-arrest mill-ġdid tal-imputat u dan fid-dawl tal-fatt illi huwa ġie rilaxxjat mill-programm fl-4 ta' Ġunju 2018[17]. B'digriet tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Ottubru 2018, l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, b'dan ukoll illi l-imputat tqiegħed taħt Ordni ta' Superviżjoni Temporanja u l-Uffiċjal tal-*Probation* kellu jara li r-rikorrenti jsegwi l-programm 'Outreach' fi ħdan l-Aġenzija Caritas.[18]

Qed tqis ukoll il-kontenut tad-diversi rapporti ippreżentati mill-Uffiċjal tal-*Probation* dwar l-andament tal-imputat wara li tqiegħed taħt Ordni ta' Superviżjoni Temporanja. Jirriżulta mir-rapport tal-**Uffiċjal tal-*Probation* Deborah Farrugia** tal-1 ta' Lulju 2019[19] illi f'Ottubru 2018, l-imputat instab pożittiv għad-droga kokaina, u f'Novembru 2018, ammetta mal-Uffiċjal tal-*Probation* illi kien għamel użu minn din id-droga xi tliet darbiet oħra. F'Jannar tas-sena 2019, huwa reġa' ġie arrestat in konnessjoni ma' ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u sad-data ta' dan ir-rapport, kien għadu ġewwa l-ħabs. F'dan iż-żmien għalkemm huwa wera

---

ta' **XY**, a fol. 93 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda ta' **PS 918 Clayton Azzopardi**, a fol. 167 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda ta' **Dr. Mario Cilia**, a fol. 216 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda ta' **PS 343 Glenn Carabott**, a fol. 254 *et seq* tal-proċess; u x-xhieda tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, a fol. 443 *et seq* tal-proċess u r-relazzjoni tiegħu, a fol. 445 *et seq* tal-proċess.

[11] A fol. 3 u a fol. 36 tal-proċess.

[12] Ara a fol. 152 tal-proċess.

[13] A fol. 159 tal-proċess.

[14] A fol. 223 tal-proċess.

[15] A fol. 243 *et seq* tal-proċess.

[16] A fol. 268 *et seq* tal-proċess.

[17] Ara d-dokument esebit mir-rappreżentant tal-Aġenzija Caritas, a fol. 270 tal-proċess.

[18] A fol. 432 *et seq* tal-proċess.

[19] A fol. 471 tal-proċess,

x-xewqa li jindirizza l-problema tad-droga billi jidħol ġewwa programm, dan ma setax iseħħ stante illi kien miżmum taħt arrest preventiv. Mill-ħabs kien f'kuntatt mal-Aġenzija Caritas, ħalla kampjuni tal-urina li dejjem irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti u rrikonoxxa illi qabel ma jindirizza l-problema tad-droga, ma jistax ikollu ħajja stabbli. Huwa kellu jibqa' jattendi sessjonijiet ta' kura kontra l-vizzju tad-droga u jipprovdi kampjuni frekwenti għal testijiet ta' sustanzi lleċiti sabiex jibqa' jsir moniteraġġ, bil-għan illi eventwalment jidħol u jtemm programm ta' rijabilitazzjoni b'suċċess.

Jirriżulta in oltre mir-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* tat-12 ta' Frar 2020[20], illi l-imputat inżamm taħt arrest sat-28 ta' Novembru 2019, matul liema perjodu l-imġieba tiegħu kienet waħda pożittiva u testijiet tal-urina rriżultaw ilkoll fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. In oltre testijiet tal-urina li ttieħdulu f'Diċembru 2019 u f'Jannar 2020 wkoll irriżultaw fin-negattiv. L-imputat kien qed iwettaq xogħol ta' mekkanik u jidher li kien qed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jirregola ħajtu u jżomm il-bogħod mill-vizzju. Fil-fehma tal-Uffiċjal tal-*Probation*, l-imputat kellu jżomm kuntatt regolari magħha sabiex ikompli jsir moniteraġġ b'mod partikolari in kwantu l-vizzju tad-droga.

Jirriżulta wkoll minn rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* tat-13 ta' Lulju 2020[21], illi għalkemm kien jidher li l-imputat kien sejjer tajjeb sa Lulju 2020, u dan fis-sens illi nżamm kuntatt regolari minnu mal-Uffiċjal tal-*Probation* u kien ukoll f'kuntatt ma' *key worker* fi ħdan l-Aġenzija Caritas, hija ġiet infurmata illi fl-4 ta' Lulju 2020, l-imputat ġie akkużat bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, liema kawża kienet qed tinstema' quddiem din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima u illi sussegwentement ingħata l-ħelsien mill-arrest fis-6 ta' Lulju 2020. Tentattivi da parti tal-Uffiċjal tal-*Probation* sabiex tagħmel kuntatt mal-imputat fid-9 u fl-10 ta' Lulju 2020 irriżultaw fin-negattiv.

B'rapport ieħor tat-12 ta' Ottubru 2021[22], wara li nbidlet l-Uffiċjal tal-*Probation* li kienet qed issegwi lill-imputat fi Frar 2021, **l-Uffiċjal tal-*Probation* Charisse Boffa** infurmat lill-Qorti illi minn dak iż-żmien l-imputat baqa' miżmum taħt arrest preventiv dwar każ relatat ma' serq. Skont l-istess rapport, l-imputat kien jinsab frustrat għall-fatt illi qabel ma ġie arrestat huwa kien qiegħed ġewwa x-xelter f'San Blas, fejn kien qed jipprepara sabiex jidħol ġewwa programm residenzjali u għalhekk xtaq li jingħata l-ħelsien mill-arrest sabiex ikompli b'dan il-proċess. Skont ir-rapport, kien ilu sena ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi. Kien ukoll

[20] A fol. 491 *et seq* tal-proċess.
[21] A fol. 498a tal-proċess.
[22] A fol. 522 *et seq* tal-proċess.

f'kuntatt mal-*key worker* tiegħu mill-Aġenzija Caritas. In oltre kien qed juża l-ħin tiegħu fil-ħabs b'mod pro-attiv u kien qed jaħdem.

B'rapport tal-11 ta' Frar 2022[23], l-Uffiċjal tal-*Probation* infurmat lill-Qorti illi waqt li l-imputat kien għadu ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, huwa baqa' juża l-ħin tiegħu b'mod pożittiv permezz tax-xogħol u baqgħu jsiru sessjonijiet mal-Uffiċjal tal-*Probation.* Nhar it-18 ta' Jannar 2022, huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest sabiex jibda programm residenzjali fi ħdan l-Aġenzija Caritas u ttieħed ġewwa x-Xelter, b'dan illi nhar it-2 ta' Frar 2022 huwa mexa għall-programm ġewwa San Blas, fejn kien jidher motivat sabiex jegħleb il-vizzju tiegħu. Mir-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* tat-3 ta' Mejju 2022[24], jirriżulta illi l-imputat baqa' fil-programm residenzjali, kien sejjer tajjeb ħafna, kien qed jattendi sessjonijiet individwali ma' terapista u kellu wkoll ir-rwol ta' *leader* fil-programm mar-residenti l-oħra. B'rapport ieħor tal-15 ta' Settembru 2022[25], l-Uffiċjal tal-*Probation* infurmat lill-Qorti illi l-imputat baqa' jsegwi l-programm residenzjali, kien sejjer tajjeb ħafna, u mexa fl-aħħar fażi tal-programm f'Dar Charles Miceli, Mosta, liema fażi kien bdiha f'Lulju 2022. Huwa kien qed jerġa' jipprova jistabilixxi kuntatt ma' wliedu u beda wkoll jaħdem bħala mekkanik fl-aħħar ġimgħatejn.

Jirriżulta wkoll illi permezz ta' rapport ieħor tat-18 ta' Novembru 2022[26], il-Qorti ġiet infurmata mill-Uffiċjal tal-*Probation* illi l-imputat kien għadu għaddej fl-aħħar parti tal-programm billi jattendi sessjonijiet u gruppi ġewwa Dar Miceli, Mosta. Fl-aħħar ta' Ottubru 2022 huwa beda jgħix għal rasu, b'dan illi huwa qatt ma forna l-indirizz tiegħu lill-Uffiċjal tal-*Probation.* L-imputat dam tliet ġimgħat sospiż mill-programm stante li kien għadu ma għamilx ktieb tax-xogħol. Huwa kien qed jaħdem bħala mekkanik. Skont l-istess rapport, huwa falla ħames appuntamenti mal-Uffiċjal tal-*Probation* f'Ottubru u f'Novembru 2022 u attenda appuntament għall-għarrieda, fejn sostna illi kellu ħafna affarijiet għaddejjin f'ħajtu sabiex jiġġustifika n-nuqqas ta' kuntatt u attendenza da parti tiegħu. L-Uffiċjal tal-*Probation* uriet it-tħassib tagħha dwar dan stante illi kien importanti li l-imputat jżomm kuntatt u jissottometti ruħu għal testijiet tal-urina sabiex il-progress li sar jinżamm.

Fix-xhieda tagħha fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2022[27], imbagħad, l-Uffiċjal tal-*Probation* tixhed illi l-imputat kien reġa' ġie sospiż mill-programm fi ħdan Dar Charles Miceli fil-25 ta' Novembru 2022 u dan stante illi naqas milli jattendi għal xi

---

[23] A fol. 525 *et seq* tal-proċess.
[24] A fol. 528A tal-proċess.
[25] A fol. 532 *et seq* tal-proċess.
[26] A fol. 540 *et seq* tal-proċess.
[27] A fol. 542A *et seq* tal-proċess.

sessjonijiet. L-aħħar kampjun tal-urina li ssottometta f'Novembru 2022 kien negattiv għal sustanzi llečiti. Huwa naqas milli jattendi għal appuntament mal-Uffiċjal tal-*Probation* u dan mingħajr raġuni valida, ma żammx kuntatt magħha, ma kinitx taf jekk ix-xogħol tiegħu kienx regolarizzat u lanqas jekk kienx għadu jgħix fl-indirizz li kien taha u għalhekk ma setgħetx tagħmel viżiti fir-residenza tiegħu. Hija tixhed illi kien jeħtieġ li l-imputat jerġa' jistabilixxi kuntatt magħha u jħalli kampjuni tal-urina, apparti li kellu jżomm kuntatt ukoll mal-Aġenzija Caritas li da parti tagħhom, kellhom jaraw jingħatax l-opportunita` li jiggradwa.

B'rapport tat-13 ta' Jannar 2023[28], l-Uffiċjal tal-*Probation* infurmat illi minn meta ġie sospiż mill-programm l-imputat ma żammx kuntatt mal-Aġenzija Caritas, u lanqas mad-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole.* Saru diversi tentattivi sabiex isir kuntatt miegħu, anke permezz ta' telefonati, iżda qatt ma ġie stabbilit kuntatt. Għalhekk fl-10 ta' Jannar 2023, l-Uffiċjal tal-*Probation* intavolat denunzja quddiem din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit. Fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti tat-3 ta' Marzu 2023[29], l-Uffiċjal tal-*Probation* tixhed illi ma kienx hemm żviluppi u dan fis-sens illi l-imputat baqa' ma jattendix l-appuntamenti, ma kellha l-ebda kuntatt miegħu, u lanqas ma għamel kuntatt mal-Aġenzija Caritas. Ġiet infurmata wkoll illi l-imputat kien ilu madwar ġimgħatejn taħt arrest[30]. B'rapport tagħha tad-29 ta' Mejju 2023[31], l-Uffiċjal tal-*Probation* infurmat lill-Qorti illi l-imputat kien għadu taħt arrest, kien qed jattendi sessjonijiet regolarment mal-*careplan coordinator* tiegħu u kien qed jistenna li jiġi assenjat *key worker* min-naħa tal-Aġenzija Sedqa. Il-ħsieb tiegħu kien li jibda programm residenzjali hekk kif jingħata l-ħelsien mill-arrest.

Fl-aħħar xhieda tagħha tal-20 ta' Ġunju 2023[32], l-Uffiċjal tal-*Probation* tixhed illi mill-aħħar rapport tagħha ma kien inbidel xejn u dan fis-sens illi l-imputat kien għadu taħt arrest, illi kien ġie kkundannat 41 xahar priġunerija iżda appella minn din is-sentenza, li baqa' jattendi sessjonijiet regolari mal-*careplan coordinator,* u kien qed jistenna li jiġi assenjat *key worker* mill-Aġenzija Sedqa. Tixhed ukoll illi meta jkun ġewwa l-ħabs, l-imputat dejjem ikun stabbli, iżda mhux l-istess meta jkun fil-komunita`.

---

[28] A fol. 543 *et seq* tal-proċess.
[29] A fol. 546 *et seq* tal-proċess.
[30] Mix-xhieda ta' **CO 16 David Mellors** jirriżulta illi l-imputat reġa' daħal ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi fl-20 ta' Frar 2023, fejn irriżulta pożittiv għad-droga kokaina. Żewġ testijiet oħra f'April 2023 irriżulaw fin-negattiv. Ara a fol. 560 *et seq* tal-proċess.
[31] A fol. 550 tal-proċess.
[32] A fol. 558 *et seq* tal-proċess.

Jirriżulta għalhekk illi minkejja li l-imputat għamel diversi xhur fi programm residenzjali sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga u kien wasal anke fil-fażi aħħarija ta' dan il-programm, la darba barra fil-komunita`, fi ftit żmien u minkejja illi kellu kull opportunita` sabiex jibqa' miexi fit-triq it-tajba li kien qabad bl-għajnuna tal-Uffiċjal tal-*Probation* u anke tal-*key worker* tiegħu fi ħdan l-Aġenzija Caritas, l-imputat reġa' ġie arrestat, b'dan għalhekk illi baqa' ma gradwax mill-programm. Il-Qorti tinnota illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, u wara li ngħata l-ħelsien mill-arrest fis-sena 2017, l-imputat ġie arrestat xejn inqas minn sitt darbiet dwar ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest jew dwar każijiet oħra. Skont l-aħħar xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* f'Ġunju 2023, l-imputat kien għadu taħt arrest. F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll illi mill-fedina penali tal-imputat jirriżulta illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-imputat instab ħati minn din il-Qorti kif diversament preseduta, f'żewġ każijiet separati, dwar diversi reati ossia r-reati taħt l-Artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali, taħt il-Kapitoli 65 u 104 tal-Liġijiet ta' Malta, taħt il-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' serq aggravat, kif ukoll dwar ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, dwar liema huwa tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* u ngħata piena pekunjarja f'kawża waħda u piena ta' tnax-il xahar priġunerija effettiva, oltre li ġie ordnat l-arrest tiegħu mill-ġdid f'kawża oħra. Veru wkoll illi mkien ma jirriżulta illi dawn il-każijiet jirrelataw ma' reati simili għal dawk li dwarhom l-imputat qed jinstab ħati, iżda mill-banda l-oħra, il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-imputat għadu m'huwiex f'posizzjoni illi jintegra ruħu sew fis-soċjeta` u baqa' ma użufruwiex mid-diversi opportunitajiet illi huwa ngħata, b'dan għalhekk illi l-Qorti tqis illi piena ta' priġunerija effettiva hija l-piena idonea.

F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll illi jirriżulta illi l-imputat huwa reċidiv kemm fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll fit-termini tal-Artikolu 50 tal-istess Kodiċi. B'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta' Ottubru 2012 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Abdulsalam Salem Ben Ahmed'[33], liema sentenza l-imputat ikkonferma li ngħatat proprju fil-konfront tiegħu[34], l-appell tiegħu ġie miċħud, b'dan għalhekk illi l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali li permezz tagħha l-istess imputat ġie kkundannat għal piena ta' erba' snin u tliet xhur priġunerija effettiva u multa ta' elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu, konvertibbli fi tliet xhur priġunerija. In oltre b'sentenza tal-24 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli, Spettur Sandra Zammit) vs Abdulsalam Ben Hamad'[35], mil-liema jirriżulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal dak tal-imputat odjern, l-istess imputat ġie kkundannat għal piena ta' ħmistax-

[33] Ara a fol. 174 *et seq* tal-proċess.
[34] Ara a fol. 534 tal-proċess.
[35] Ara a fol. 184 *et seq* tal-proċess.

il xahar priġunerija effettiva. Jirriżulta wkoll illi l-imputat ma appellax minn din is-sentenza, b'dan għalhekk illi din kienet finali.[36] Kif ingħad iżjed 'il fuq, in oltre l-imputat ammetta wkoll għall-addebitu tar-reċidiva fit-termini tal-artikoli msemmija.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tal-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-ħames imputazzjoni.

In oltre stante illi ma jirriżultax il-piż tad-droga eroina fil-pussess tal-imputat dakinhar tal-arrest tiegħu, u lanqas ma jirriżulta l-piż tad-droga fil-pussess tal-imputat matul iż-żmien li għalih tirreferi r-raba' imputazzjoni, il-Qorti tqis illi d-dubju għandu jmur favur l-imputat u għaldaqstant qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b) u (h), 31, 49, 50, 202(h)(i)(iv)(v), 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 251A(1)(a)(b), 251A(2), 251A(4), 251B(1)(2), 251BA(1)(a)(b)(i)(ii), 251BA(2), 251BA(3), 251BA(5), 251BA(6), 251BA(7), 251C, 251H(a)(b) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Abdulsalam Ben Hamed** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **ħames (5) snin priġunerija effettiva**, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li fih huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni biss mal-każ odjern, **u penali ta' mija, ħamsa u għoxrin ewro (€125)**.

In oltre ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' **ZX** (ID 498994(M)), qegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin favur l-istess ZX fil-konfront tal-ħati **Abdulsalam Ben Hamed**, permezz ta' liema huwa qed jiġi pprojbit milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-istess ZX, qed jiġi pprojbit ukoll milli jaċċedi ġewwa l-fond fejn hija tgħix, u kwalunkwe fond ieħor fejn hija taħdem jew li tiffrekwenta, kif ukoll milli jikkomunika bi kwalunkwe mezz mal-istess ZX. Tali Ordni għandha tibqa' fis-seħħ għal żmien tliet (3) snin, li jibdew jiddekorru mid-data tal-iskadenza tal-piena erogata b'din is-sentenza.

[36] Ara x-xhieda ta' **Eunice Grech Fiorini**, a fol. 511 tal-proċess.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar, il-konsegwenzi skont l-Artikolu 382A(3) tal-Kodiċi Kriminali, kemm il-darba huwa jikser din l-Ordni.

Tordna komunika ta' din l-Ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura fil-mori tal-proċeduri, ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti għas-somma ta' mija, disgħa u tmenin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€189.32), kif ukoll l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' Dr. Steven Farrugia Sacco ammontanti għas-somma ta' erba' mija, wieħed u tmenin ewro u għoxrin ċenteżmu (€481.20) u għas-somma ta' erba' mija, wieħed u għoxrin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€421.38), b'kollox ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' elf, wieħed u disgħin ewro u disgħin ċenteżmu (€1,091.90), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tnax-il (12) xahar mil-lum.

Tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi illi l-ħati għandu jkompli jingħata l-għajnuna kollha neċessarja sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga.

Finalment tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma ZX u tax-xhieda YZ u XY, sabiex tiġi protetta l-identita` tal-vittma.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**

**Oriana Deguara**
**Deputat Reġistratur**